MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 39/2012

**Ivan Cassar**

**vs**

**Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali u Mary Grace Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ivan Cassar, li permezz tieghu wara li ppremetta illi:

Huwa sar jaf bit-taxxa mahruga fil-kawza Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) 72/07 NC fl-14 ta' Dicembru 2011.

Skont l-istess taxxa gie ntaxxat ammont ezorbitanti fuq id-dar konjugali qisha l-istess inqasmet u kienet parti minn divizjoni illi pprezentat xi kumplikazzjonijiet. F’dan il-kaz, il-Qorti ordnat il-bejgh tal-istess dar u eventwalment ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. Konsegwentement ma kien hemm l-ebda divizjoni tal-istess proprjeta’ ghaliex kull ma gie ordnat il-bejgh tal-immobbli minghajr ma l-istess gie komparat u assenjat ma’ beni ohrajn.

Kif wiehed jista’ jezamina l-atti tal-kawza jara li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni fuq id-dar u l-kwistjoni tal-valur kien assolutament incidentali.

Certament mhijiex l-intenzjoni tal-legislatur fit-tariffa illi ghax jissemma l-fond konjugali illi jigi ordnat il-bejgh tieghu bejn zewg partijiet, dan jitqies illi hija xi kalkolu ta’ divizjoni ta’ proprjeta’ bejn il-partijiet. Sahansitra, l-istat, jekk parti tghaddih lill-parti l-ohra, lanqas tesigi taxxa ta’ trasferiment.

Fil-fatt, il-partijiet, kull naha tkun qed tbiegh in-nofs inidiviz taghha.

Ghaldaqstant, it-taxxa mahruga mir-registratur rigwardanti l-valur tal-fond u dan *ad valorem* hija inkorretta u ghandha tigi mwaqqfa.

L-avukat sottoskritt ihoss illi din hija ingusta ghalkemm naturalment hija kontra l-interessi tieghu ghax huwa wkoll kien nippatrocina fl-istess kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-registratur jerga’ jintaxxa mill-gdid l-imsemmija kawza tenut kont tal-fatti hawn fuq esposti u tat-tariffa applikabbli.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta’ Mary Grace Cassar li ssottomettiet illi:

Fix-xahar ta’ Gunju jew Lulju tas-sena 2011, il-partijiet ircevew avviz mir-Registru tal-Qorti Civili – Sezzjoni Familja, kopja ta’ liema intbaghtet lill-avukati tal-partijiet sabiex jirraprezentaw nota konguntiva dwar il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti ai fini ta’ taxxa gudizzjarja.

Da parti tieghu, l-avukat sottoskritt informa lill-avukat tal-konvenut sabiex flimkien jipprezentaw nota konguntiva kontenenti l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti u valuri ohra hekk kif mitlub mid-Deputat Registratur Cora Azzopardi, madanakollu l-avukat sottoskritt baqa’ bla twegiba.

L-avukat sottoskritt sahansitra baghat bil-posta lill-avukat tal-konvenut, nota b’valur determinat, iffirmata mill-istess avukat sottoskritt sabiex l-istess avukat jiffirmaha, kemm-il darba kien jaqbel mal-valur, u jipprezentaha fir-Registru tal-Qorti tal-Familja, madanakollu din id-darba wkoll baqa’ bla twegiba.

L-avukat sottoskritt informa lid-deputat Cora Azzopardi li n-nota konguntiva ma setghetx tigi pprezentata peress illi ma sabx koperazzjoni mill-konvenut u mill-avukat tieghu.

In vista ta’ dan, id-Deputat Registratur harget taxxa fuq valuri li sabet fil-process.

Mhux gust illi wara li l-attur kellu kull opportunita’ li jipprezenta nota konguntiva permezz tal-legali tieghu b’valur maqbul bejn il-partijiet, jigi issa u jilmenta illi gie ntaxxat ammont ezorbitanti.

Principalment, l-ammont ezorbitanti jikkonsisti principalment fil-valur tad-dar li qabel mieghu l-istess attur fil-mori tal-kawza.

Tkun xi tkun id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti ma ghandha tbat l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali li ssottometta illi:

Preliminarjament, ir-rikors odjern huwa null u irritu u in kwantu ma giex dirett kontra l-partijiet kollha li ghandhom interess f'dawn il-proceduri kif inhu preskritt fl-artikolu 64(2) tal-Kap. 12. Ghaldaqstant, l-eccipjenti ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta nhadmet b'mod korrett u skont il-Ligi u l-prassi f'dawn il-kazijiet u ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bla pregudizzju, ir-rikorrenti ghandu jipprova hu kif skont hu, it-taxxa kellha tinhadem u l-artikolu jew l-artikoli tal-Ligi li skont hu huma applikabbli.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit *dato ma non concesso* illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti m'ghandux isofri ebda spejjez ta' tali azzjoni u/jew korrezzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz, l-esponent m'ghandux isofri spejjez ta' dawn il-proceduri.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti u dik tal-intimata Mary Grace Cassar. Id-Direttur tal-Qrati baqa’ ma ressaq ebda sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti tordna lir-Registratur jintaxxa mill-gdid kawza deciza. Ir-Registratur isostni li t-talba hija nulla ghaliex ma ssegwiex il-procedura kontemplata fl-Art. 64(2) tal-Kap. 12. Inoltre, kif del resto ssostni wkoll l-intimata l-ohra, l-istess Registratur jghid li t-taxxa giet kalkolata regolarment skont it-tariffa stabbilita.

Jirrizulta illi fit-23 ta’ Gunju 2011, il-Qorti Civili Sezzjoni Familja ppronunzjat sentenza ta’ firda personali bejn Ivan Cassar u Mary Grace Cassar u fiha l-ispejjez gew kollha mghobbija fuq Ivan Cassar. Ir-Registratur hareg it-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez. Kopja ta’ din it-taxxa giet esebita in atti a fol. 3.

Cora Azzopardi, deputat registratur fil-Qorti tal-Familja, tixhed illi t-taxxa giet kalkolata a bazi ta’ paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12. Il-valur li gie moghti lid-dar konjugali kien ta’ €128,000, li hu l-valur li ssemmi l-Qorti stess fis-sentenza taghha. Ir-rikorrenti, min-naha tieghu, isostni li t-taxxa kellha tigi kalkolata skont il-paragrafu 20 tat-Tariffa E tal-Kap. 12.

L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat qieghda tigi skartata mal-ewwel ghaliex il-Qorti tqis li ma tghoddx. Ir-rikors odjern gie notifikat lil kull parti interessata skont id-dispozizzjoni tal-Art. 64(2), u in fatti kull parti wiegbet ghalih.

Ikkunsidrat illi paragrafu 14 ta' Tariffa E jipprovdi illi:

*"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."*

Paragrafu 13 imbaghad, jipprovdi ghall-kalkolu "ad valorem".

Issa, minkejja dak li jsostni r-rikorrenti, paragrafu 20, li jirregola taxxa f'kawzi ta' separazzjoni personali, fost ohrajn, ghalkemm jipprovdi ghal dritt wiehed irrispettivament min-numru ta' talbiet, ikompli billi jsalva

*"id-dritt relattiv ghal kull decizjoni dwar xi punt ta' ligi jew ta' fatt li jikkoncerna valur determinat jew determinabbli ……"*

Il-Qorti tifhem b'dan illi f'dak il-kaz, jibqghu japplikaw il-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa.

F'dan il-qafas, il-Qorti kkunsidrat illi, minkejja dak li jsostni r-rikorrenti dwar il-valur tad-dar konjugali, il-Qorti fis-sentenza taghha, tat valur lid-dar u stabbiliet xi jsir minnha kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Il-Qorti ddecidiet ukoll kif ghandu jinqasam ir-rikavat meta tasal biex tinbiegh.

Ikkunsidrat illi fis-sentenza "Busuttil Naudi vs Direttur Qrati Civili u Tribunali" (deciza fid-29 ta' Novembru 2011), il-Qorti rriteniet illi:

*"Inoltre, fis-sentenza, il-qorti taghti decizjoni wahda dwar it-talbiet relatati mat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-mod kif ghandha ssir id-divizjoni. Dan irrispettivament ta' kemm-il talba ssir f'dan ir-rigward. Hu fatt li fil-gurisprudenza hu rikonoxxut li:-*

*(a) It-tassazzjoni tal-onorarju tal-avukat u drittijiet tar-registru huma bazati fuq id-domandi li jsiru;*

*(b) Wiehed m'ghandux jillimita ruhu ghad-domanda li ssir fl-att gudizzjarju li bih tinbeda l-kawza, izda ghandu jara wkoll is-sens tal-kompless tal-kontroversja li fuqha ghandha tinghata decizjoni."*

*Pero', paragrafu 14 ta' Tariffa E:- "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit. Hu evidenti li d-dritt jithallas ghad-decizjoni li taghti l-qorti, kemm jekk ikun dwar xi punt ta' fatt jew ta' dritt. Fis-sentenza, il-qorti ser tkun qieghda tiddeciedi t-talbiet li jirrelataw ghall-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara l-konsistenza taghha u cioe' l-valur tal-proprjeta'. Id-dritt ghal tali decizjoni hu regolat mill-paragrafu 13 tat-Tariffa E."* (enfazi mizjuda).

Din il-Qorti tapprezza illi f'sitwazzjonijiet ta' diffikultajiet familjari bhalma huma l-firda personali u d-divorzju, jista' jkun ghaqli u socjalment desiderabbli li t-tariffi jigu ffissati f'livelli aktar sensittivi ghas-sitwazzjonijiet dificilissimi li koppja mifruda ssib ruhha fihom. Madanakollu, din ir-responsabilta' taqa' unikament fuq il-legislatur, li s'issa qatt ma hass il-htiega li jressaq it-tariffi tal-Qorti f'dawn il-kawzi aktar qrib il-politika uzata fl-intaxxar ta' kuntratti bejn koppja mifruda.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Ivan Cassar.

L-ispejjez jithallsu minn Ivan Cassar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------